MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' April, 2009

Numru 2/2009

Il-Pulizija
(Spettur Nikolai Sant)

Vs.

George Muscat

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat, detentur tal-karta tal-identità numru 507072(M) akkuzat talli:

1. f'dawn il-gzejjer bejn il-21 ta' Lulju 2008 u l-5 ta' Novembru 2008 appropja ruhu minn 5618.13 Euros mill-flus tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan minhabba l-professjoni, industrija,

kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuza hi dik ta' misapproprazzjoni. Billi l-Ufficcjal Prosekutur jiddikjara mal-presentata kemm li l-flus gew kollha restitwiti u wkoll li l-akkuzat ikkopera bi shih, fuq l-iskorta tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat qeghda tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sentejn mil-lum wara li rat l-Artikolu 293 u 294 tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------